MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2007

Numru 430/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**

**VS**

**SILVIO GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvio Galea, ta’ 30 sena, bin il-mejjet Carmelo u Emmanuela nee’ Gialanze’, imwieled Tal-Pieta’, nhar il-15 ta’ Jannar, 1976, residenti fil-fond imsejjah Kristu Re, Triq il-Qadi, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 166476 (M);

Akkuzati talli nhar is-26 ta’ Ottubru, 2006, u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-Presidenti ta' Malta li jforni d-droga imsemmija minghajr ma kien fil-pussess ta'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-Disposizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament Numru 4, tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principal ital-Gvern, skond id-Disposizzjonijiet tar-raba' (4) tas-sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jfornni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess teighu, u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuat lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija, u dan bi ksur Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli kellu fil-pussess teighu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li

jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Arikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

4. U aktar talli ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru respnsabbli ghall-Finanzi, u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Oridinanza dwar Lottu Pubbliku tal-1932, Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, u b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk;

6. U fl-ahharnett talli opera, ippromwova, biegh jew ippartecipa fi, jew b'xi mod li jkun ghen, jew hajjar l-operat, promozzjoni, jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sena (1) prigunerija;
Inoltre tikkundannah ukoll ghal hlas ta' multa fl-ammont ta' elfejn u erba' mitt lira maltin (Lm2,400.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------